# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 198/2014**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kyle Gili**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kyle Gili**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 227189(M)**,** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fil-31 ta' Diċembru 2007 u fis-snin ta' qabel:

1. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31

tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati), liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati);

3. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2014, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, Avviż Legali 22 tal-1985, Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha, sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni (b'riferenza biss għal 31 ta' Diċembru 2007) u t-tieni (2) imputazzjoni (b'riferenza għal 31 ta' Diċembru 2007 u għas-snin ta' qabel) u kkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' tminn mitt Euro (€800) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data li fiha l-imputat jiskonta l-piena

karċerarja ġiet erogata bis-sentenza u għal dan il-fini r-Reġistratur kellu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data b'dan illi jekk l-imputat kien ser jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti. L-Ewwel Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti a tenur ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè l-ipejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, disgħa u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€169.21), liema spejjeż kellhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar tas-sentenza, b'dan illi jekk l-imputat kien ser jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' jum ħabs għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċentezmu (€11.65) dovut. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita bħala Dok. "PG 1" hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi *Proces-Verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***<u>TILQA</u>****' dan l-appell u* ***<u>TIRRIFORMA</u>*** *s-sentenza appellata billi filwaqt illi* ***<u>TIKKONFERMAHA</u>*** *fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni u fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni dik ta' pussess sempliċi,* ***<u>TĦASSARHA u TIRREVOKAHA</u>*** *in kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi piena ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 167 *et seq.*) fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-13 ta' Frar 2020 fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant ntemm b'suċċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellha xejn aktar xi żżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023, lill-konsulent legali tal-appellant jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġa' ngħad fis-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Mill-provi jirriżulta li fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2007 u l-1 ta' Jannar 2008 l-appellant kien twaqqaf waqt li kien dieħel fl-Eden Arena u nstabu fuqu sitt pilloli *ecstasy* fil-but tax-xellug u ħdax-il pillola *ecstasy* f'kontenitur tal-plastik ġewwa l-but tal-lemin. Gie kkonfermat li s-sustanza kienet *ecstasy* u skont l-espert l-effett ta' pillola *ecstasy* idum bejn tliet u sitt sigħat. Mid-depożizzjoni mogħtija mix-Xjenzat Godwin Sammut quddiem l-Ewwel Qorti, fuq domanda tal-istess Qorti

jekk persuna tieħux aktar minn tliet pilloli *ecstasy* f'lejl wieħed, ix-Xjenzat wieġeb fin-negattiv.

Illi da parte tiegħu l-appellant xehed li dakinhar kien iltaqa' ma' wieħed li kien xtara minn għandu u kien ġablu l-pilloli hu. Jgħid li sitta minnhom kienu tiegħu u li dawn kienu ġo borża filwaqt li kellu ħdax-il pillola oħra ġewwa bott li kienu tal-istess persuna li ġabitlu l-pilloli. Jinsisti li s-sitta kienu għalih u qal li ġieli ħa disgħa, tnax jew tlettax f'lejl. Jgħid li l-ieħor kien qed jistennieh ħdejn il-bieb.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellant f'dan il-każ huwa limitat għas-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti ta' l-ewwel (1) imputazzjoni kif ukoll dwar il-piena erogata minnha.

Illi l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli u ċioè dik tar-reat ta' pussess mhux għall-użu esklussiv. Huwa ammetta li parti mill-pilloli kienu tiegħu waqt li l-pilloli l-oħra ma kinux tiegħu imma kien qed iżommhom hu sabiex ir-riskju tagħhom jieħdu hu flok il-persuna li kien sidhom. Filwaqt li jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, għal liema sentenza saret riferenza mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u liema sentenza qalet li wieħed jista' jinstab ħati tar-reat ta' pussess aggravat ukoll jekk ma hemmx l-intenzjoni speċifika li jispaċċa l-istess, jisħaq li mill-provi jirriżulta li hu ried jgħaddi lura l-istess pilloli lil sidhom. Jgħid li ċ-ċirkostanzi tiegħu kienu differenti minn dawk tas-sentenza msemmija u jargumenta li hu ma setax jispaċċa d-droga għaliex ma kienux tiegħu. Jargumenta li l-liġi tagħna tirrikjedi l-*intent to supply* u li hu ma kienx fil-pussess *animo domini*. Jgħid li ma kienx l-iskop tal-leġislatur li jolqot is-sitwazzjoni tiegħu u li r-reat ta' *"possession with intent to supply"* ma japplikax meta persuna trid terġa' tgħaddi d-droga lil sidha. Jgħid li l-iskop tal-leġislatur huwa li jolqot l-aġir ta' persuna li għandha sustanza illeċita u li ffurmat l-intenzjoni jew li tista' tifforma l-intenzjoni li tispaċċa l-istess.

Jisħaq li hu ried jirrestitwixxi d-droga u li fl-ebda ħin ma kien fil-pussess tal-istess sustanza bħala sid. Fl-aħħar tar-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob sabiex, skont il-każ, din il-Qorti timponi piena aktar ekwa u ġusta.

Illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. Apparti dan, din il-Qorti tinnota li minkejja li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant ipprova fil-grad tal-probabbli li s-sitt pilloli kienu għalih, iżda dwar il-pilloli l-oħrajn il-Qorti msemmija kkwotat is-sentenza mogħtija fit-2 ta' Settembru 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia** (Numru 130/1999) li qalet hekk:

> "Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li mhux korrett li wieħed jgħid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-*animus* li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ppruvata, miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-pussessur. Iżda tali intenzjoni <u>mhix meħtieġa</u> għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-liġi tirrikjedi hu li jiġu pruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinċiment morali *"li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati"*."

Illi l-appellant ddistingwa l-pożizzjoni tiegħu minn dik tas-sentenza msemmija u nsista li l-pilloli ma kienux tiegħu u ried jagħtihom lil sidhom. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-appellant u dana peress li huwa biżżejjed li wieħed ikollu l-kontroll tad-droga u la meħtieġ li jkollu l-*animus domini* u lanqas li jkollu l-pussess fis-sens tal-liġi ċivili. Mix-xiehda tal-appellant stess jirriżulta li huwa kien jaf li: (a) d-drogi li kellhom ikunu għalih kien ġabhomlu persuna li qabel kienet biegħet id-droga lilu; (b) li min għaddiehomlu biex iżommhom ma riedx jidħol bihom hu biex jevita li jinqabad. Minħabba dawn iż-żewġ ċirkostanzi meħudin flimkien ma hemm ebda dubju li l-

appellant kien jaf li dawn il-pilloli kien ser jiġu spaċċjati – ukoll jekk dan l-ispaċċjar kien ser ikun minn ħaddieħor. Ġialadarba l-appellant żamm pilloli ta' persuna li hu kien jaf li jispaċċa d-droga, mela jsegwi li kien konsapevoli li dawn kienu ser jiġu spaċċjati. In-numru tagħhom jitkellem waħdu u allura l-appellant kien fil-pussess aggravat tad-droga bħala kompliċi. Dik hija l-liġi altrimenti kien ikun ferm aktar faċli li tiġi spaċċjata d-droga billi wieħed jagħmel pjaċir lil ħaddieħor. Żgur li l-leġislatur jaħdem fl-interess tas-soċjeta' u mhux fl-interess ta' min ibigħ id-droga li jipprova jara jsibx forċina ħalli ma jinqabadx. B'hekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk l-aggravju f'dan ir-rigward qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tat-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti timponi piena ekwa u ġusta għal dan il-każ, din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħa wara li tressqu provi fir-rigward tat-talba msemmija u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant kien intemm b'suċċess. Dan ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tat-talba tal-appellant sabiex tiġi mposta piena ekwa u ġusta.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u

qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li hija waħda prattikament nadifa;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2007 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija minn Dr. Christopher Zarb (*a fol.* 149 *et seq.*) li xehed fit-12 ta' Marzu 2018 quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant li ntemm b'suċċess;

- meta ngħad lil din il-Qorti diversament preseduta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li r-riabilitazzjoni tal-appellant intemm b'suċċess, fis-7 ta' Frar 2020 il-Fondazzjoni Caritas kitbet hekk (*a fol.* 170: *"From the last reported date back in September 2019, Mr. Kyle Gili holder of Identity Card Numer 0227189(M) has maintained his contact with Caritas Community Services. Client had been clean from illicit substances for quite a number of years. Together with the client, the care plan put forward to him was to attend for a session every 4 weeks and leave weekly urines at Caritas Community Services. Moreover, client has been very consistent with the care plan that was made for him. He attended the following number of sessions for on-going support: 6th. September 2019, 13th. September 2019, 4th.*

> *October 2019, 8th. November 2019, 6th. December 2019, 3rd. January 2020, 7th. February 2020. With regards to urine samples client left the following (all of which resulted negative from any illicit substances): 6th. September 2019, 20th. September 2019, 26th. September 2019, 4th. October 2019, 11th. October 2019, 18th. October 2019, 24th. October 2019, 1st. November 2019, 8th. November 2019, 15th. November 2019, 22nd. November 2019, 28th. November 2019, 6th. December 2019, 9th. December 2019, 20th. December 2019, 23rd. December 2019, 30th. December 2019, 10th. January 2020, 17th. January 2020, 24th. January 2020, 31st. January 2020, 7th. February 2020 (still awaiting result)."*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż ta' dak li ngħad fid-digriet mogħti fit-12 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 167 *et seq.*) minn din il-Qorti diversament preseduta fejn il-Qorti msemmija laqgħet it-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikolu 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' tminn mitt Euro (€800) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ din il-multa għandha tiġi mnaqqsa.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti timponi piena aktar ekwa u ġusta ser tiġi milqugħa fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Kyle Gili u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u li minnha lliberatu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni (b'riferenza biss għal 31 ta' Diċembru 2007) u tat-tieni (2) imputazzjoni (b'riferenza biss għal 31 ta' Diċembru 2007 u għas-snin ta' qabel);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sena mil-lum;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' tminn mitt Euro (€800) u minflok tikkundanna lill-appellant iħallas multa ta' ħames mitt Euro (€500);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *a tenur* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana fi żmien sitt xhur millum u tikkonferma wkoll l-ordni tal-Ewwel Qorti fejn ġiet ordnata d-

distruzzjoni tad-droga eżebita skont it-termini msemmija fis-sentenza appellata.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reati li l-appellant instab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**